# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Lulju 2004 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Awissu 2004 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 5 ta' Settembru 2004 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 19 ta' Settembru 2004 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Ottubru 2004 fil-5.00p.m.
   Ikun hemm transport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inheġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud kif ukoll domni u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
   http://www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 59 LULJU 2004 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Monsinjur Lawrence Cachia jindirizza l-laqgħa ta' Mejju 2004*

## IT-TMINTAX-IL ANNIVERSARJU

Wara jiem ta' temp kemmxejn ikraħ, il-Ħadd 2 ta' Mejju 2004 sebħet ġurnata verament sabiħa. Għad-devoti tal-Madonna kienet sabiħa aktar għaliex dakinhar fil-Girgenti ġie ċċelebrat it-tmintax-il anniversarju minn meta Ġuża Mifsud kienet tellgħet l-istatwa tal-Madonna hemmhekk.

Bħal kull sena, il-laqgħa bdiet b'pellegrinaġġ minn ħdejn it-Troll (pont żgħir fit-tarf tat-triq il-qadima) fejn id-devoti mxew wara l-Kurċifiss u l-bandalora tal-Madonna filwaqt li rreċitaw ir-rużarju tat-tbatija. Qabel beda r-rużarju saru diversi intenzjonijiet għall-bżonnijiet tal-proxxmu kollu, għall-paċi f'Malta u d-dinja u l-konverżjoni tal-midinbin.

Meta d-devoti waslu ħdejn l-istatwa tal-Madonna tkanta l-Innu tal-Madonna

tal-Konsagrazzjoni, intqalu l-viżita tal-Madonna, it-talba tal-Konsagrazzjoni u saret iċ-ċeremonja tal-qanpiena.

### Leħen Ġuża Mifsud

Imbagħad leħen Ġuża Mifsud reġa' dewa u qanqal il-qlub ta' dawk preżenti meta nstemgħet silta minn diskors li hi kienet irrekordjat ftit qabel ma mietet. Din is-silta li nqrat fil-laqgħa ta' Novembru 1996 u li tinsab fis-seba' ktieb tgħid hekk:

"...fis-sema pajjiżna hemm ħafna u ħafna affarijiet sbieħ. Fl-ogħla grad hemm il-Mulej Alla ta' l-Eżerċiti, imbagħad ħa nsemmi lill-Mulej Ġesu u lill-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu juri l-ħniena tiegħu permezz tal-fidi illi jagħti lill-erwieħ fid-dinja biex kulħadd jersaq bi twemminu lejn il-maħbub Ġesu. Meta Ġesu kien fid-dinja lill-Appostli wegħdhom li ħa jibgħatilhom l-Ispirtu t'Alla, l-Ispirtu s-Santu, l-ispirtu tal-Mulej, u dan l-Ispirtu wasal. Wasal fuq il-knisja, wasal fuq l-Appostli u wasal fuqna. Jiena fuqi qiegħed ħafna, għax ngħidlu ħafna lill-Ispirtu s-Santu: "Grazzi, Spirtu s-Santu Alla, tal-kuraġġ u l-fidi kbira li qiegħed tagħmilli għalija u għal ħuti l-bnedmin kollha tad-dinja, kemm Maltin u Għawdxin u kemm barranin. Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti, ixħet il-ħarsa Tiegħek fuqi, ixħet il-ħarsa Tiegħek fuq il-bnedmin u fuq kull maħluq li hawn fid-dinja, twarrabx Idejk minna u żommna dejjem u tajjeb marbutin mal-volonta' imqaddsa Tiegħek. U inti, Omm tal-ħniena, Madonna tal-Konsagrazzjoni, kull bniedem agħmlu fit-triq tal-providenza t'Alla, fit-triq tas-salvazzjoni u inti, għażiża Madonna, li qegħda f'dawk l-inħawi tal-Girgenti, agħmel lili u lil sħabi tal-Kumitat, lil sħabi tal-Moviment ilkoll kuntenti. Is-Sinjura tal-Ħajja tridu li jikber il-Moviment, u għandna nkabbruh ħafna l-Moviment bit-tesseri, u bl-imħabba u bil-paċi li għandna nħossu lejn xulxin.

Għandha tinqata' kull mibegħda li għandna kemm f'Malta u kemm fid-dinja u għandna nħossu dik il-paċi li qed tagħtina Int, Mulej Ġesu ta' l-Ewkaristija, u inti, Madonna, li ridt tkun fl-inħawi tal-Girgenti. Agħtu l-paċi lilna Maltin u Għawdxin u barranin, tar-Russja, ta' l-Amerka, tal-Kanada, ta' l-Awstralja, li huma ftit 'il bogħod minna, qed nirreferi għall-Libjani, għat-Taljani. Nitolbu ħafna għal dawk l-inħawi li qegħdin qribna u dawk l-inħawi li qegħdin bogħod minna lill-kbir Alla Missier, lill-Mulej Ġesu ta' l-Ewkaristija flimkien ma l-Ispirtu s-Santu biex l-Ispirtu s-Santu jkompli jqawwi lil kulħadd bid-doni tiegħu u bil-fidi...

Issa ħa nsellmu waħda lis-sbejħa Madonna. "Insellmulek O sbejħa Madonna, insellmulek ward ta' l-ogħla ġmiel u kobor li hemm fil-Ġenna. Insellmulek għax il-kbir Mulej Ġesu minnek twieled u minnek għex. Għixilna, għażiża twajba



Madonna, ir-ruħ tagħna bil-grazzja t'Ibnek Ġesu, bl-ikla divina ta' l-Ewkaristija." Insellmulha bil-qalb lill-Madonna u ngħidulha: "Sliem għalik, Marija... Qaddisa Marija Omm Alla..."

### Għalfejn ġejna ħawnhekk?

Il-mistieden speċjali għal din is-sena kien Monsinjur Lawrence Cachia li wassal dan il-messaġġ lill-ġemgħa:

"L-ewwel ħaġa illi xtaqt ngħid hija, "Għalfejn ġejna ħawnhekk?" u ħafna minnkom tiġu ħawnhekk regolarment... Ġejna hawn u niġu ħawnhekk biex l-ewwel nett nistqarru l-fidi tagħna fil-Madonna, illi aħna nemmnu illi l-Madonna hija persuna kbira ħafna għaliex hija l-Omm ta' Alla, l-Omm ta' Ġesu' l-Iben ta' Alla li sar bniedem biex jifdina u jsalvana.

*U allura meta qegħdin aħna nġeddu l-fidi tagħna fil-Madonna qegħdin inġeddu l-fidi tagħna wkoll f'Alla u f'Ġesu'. Il-fidi fil-Madonna għalhekk ħuti, hija ċentrali fir-reliġjon tagħna Kattolika u dana mportanti illi aħna ngħiduh għaliex illum disgrazzjatament qegħdin naraw ħafna setet hawn ġo Malta u dawn ma jemmnux fil-Madonna. Fid-diskorsi tagħha Ġuża kienet issemmih ħafna dan. Kemm kienet tkun inkwetata minħabba li qed jimmultipplikaw is-setet u li huma nies li ma jemmnux fil-Madonna. Għalkemm forsi jgħidu li jemmnu f'Alla imma ma jemmnux fil-Madonna.*

*Ħuti, għalhekk tajbin dawn il-pellegrinaġġi biex aħna nissudaw fil-fidi tagħna fil-Madonna, f'din l-Omm t'Alla illi tant tħobbna. U fl-istess ħin li aħna nissudaw il-fiduċja tagħna fil-Madonna, li kellha parti mportanti ħafna fil-fidwa tagħna għax barra li kienet Omm Ġesu' li fdiena kienet miegħu taħt is-salib, tbati miegħu, u ħadet sehem fil-fidwa tagħna, aħna nġeddu wkoll il-fiduċja tagħna fil-Madonna bħala dik illi għadha sa issa il-ħin kollu taħseb fina, u tieħu ħsiebna u titlob għalina. Aħna ninsewha imma hi ma tinsiniex.*

U għalhekk ħuti id-dehriet tal-Madonna. Fl-istorja tal-Knisja insibu kwantita' kbira ta' dehriet tal-Madonna, biċċa li huma magħrufa minn kulħadd bħalma hija per eżempju ta' Lourdes u ta' Fatima u oħrajn illi huma inqas magħrufin. Imma dawn id-dehriet il-Madonna għamlithom u tibqa' tagħmilhom biex tfakkarna illi hija l-imħabba tagħha ma kinitx biss meta hija kienet fid-dinja u ssieħbet ma' Ġesu' fil-fidwa tagħna, imma l-imħabba tagħha lejna għadha hemm issa wkoll. Hija għadha taħseb fina, tieħu ħsiebna, bħalha veru Omm mis-sema li ma tabbanduna qatt lil uliedha.

U għalhekk ħuti mportanti dawn il-pellegrinaġġi, dawn il-laqgħat biex inġeddu dina l-fiduċja tagħna fil-Madonna illi aħna tant għandna bżonnha, għax

aħna ma aħna kapaċi nagħmlu xejn. Fl-istess ħin waqt li aħna nistqarru din il-fidi u fiduċja fil-Madonna nisimgħu il-messaġġ tal-Madonna lil għaliex f'kull dehra il-Madonna tat messaġġ. Nistgħu ngħidu illi għalkemm il-messaġġi li tagħti l-Madonna fid-dehriet ikunu xi ftit differenti, imma fis-sustanza dawn il-messaġġi jaqblu."

## Il-messagg tal-Madonna

Mons. Cachia kompla hekk: "Il-messaġġ tal-Madonna x'inhu? Kunu sodi fil-fidi u kkonvertu, għixu ħajja qaddisa, agħtu iżjed każ tal-ħwejjeġ spiritwali milli tal-ħwejjeġ materjali, aħsbu iżjed fil-mewt illi ser tressaqkom quddiem Alla. Ħalli naqralkom parti żgħira minn dak li qalet Ġuża bħallum għaxar snin. Bħallum għaxar snin qalet hekk:

"Naħsbu f'ruħna, naħsbu f'Alla għax ma nafux meta ħa mmutu.

X'jiswielek li għandek flus kemm trid jekk wara mewtek ma tkunx tista' ssarrafhom fil-bank tal-Ġenna? Il-flus għandna ninqdew bihom imma ma norbtux qalbna magħhom.

X'jiswielek li fid-dinja tgawdi fama tajba jekk wara mewtek issib li għandek fama ħażina quddiem il-Ħallieq tiegħek?

X'jiswielek li int imdawwar bis-sefturi, jekk wara mewtek ma tkunx tista' ssejjaħ wieħed minnhom biex jgħinek f'dak li għandek bżonn?

X'jiswielek li inti negozzjant tajjeb jekk wara mewtek issib li dak li kellek fid-dinja ma ħaddimtux tajjeb u ma ħallilekx qligħ għal ruħek?

X'jiswielek li inti kull fejn tmur tiġi milqugħ minn kulħadd bl-akbar unuri, jekk wara mewtek ma jirnexxilekx tiġi milqugħ minn dik li hi l-Bieb tas-Sema (l-Madonna) u li mingħajrha m'hemmx salvazzjoni?

X'jiswielek li tisma' dan kollu jekk ma toqgħodx tirrifletti fuqu u minn issa stess tiddeċiedi li tbiddel ħajtek?"

Hekku ħuti, l-messaġġ tal-Madonna permezz ta' Ġuża huwa fis-sustanza il-messaġġ li l-Madonna tagħmel f'kull dehra tagħha, illi aħna għandna bżonn nikkonvertu billi nagħtu każ iżjed tal-ħwejjeġ tar-ruħ milli tal-ġisem. Ma nittraskurawx il-ħwejjeġ tal-ġisem, imma l-ewwel importanza nagħtuha lill-ħwejjeġ tar-ruħ, xi ħaġa li llum ma tantx qegħdin nagħmluha.

Ħuti, għalhekk importanti dawn il-laqgħat għax iressquna mhux biss lejn il-Madonna imma jressquna lejn binha Ġesu' u jġagħluna illi aħna nagħmlu l-eżami tal-kuxjenza tagħna fir-reviżjoni tal-ħajja tagħna biex naraw fejn għandna bżonn li nibdlu ħajjitna ħalli nikkonvertu, ħalli nkunu tassew ħbieb tal-Madonna u tassew ħbieb t'Alla l-Imbierek."



## L-ewwel konsagrat huwa Kristu

Dwar il-konsagrazzjoni Mons. Cachia qal, "U l-aħħar ħaġa li xtaqt ngħid... hija fuq it-titolu sabiħ tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Diġa f'dik it-talba li għidna, tal-Konsagrazzjoni, b'xi mod diġa' għidnieh dan li ser ngħid. Għaliex il-Madonna tal-Konsagrazzjoni? Ħuti, fil-liturġija tal-Knisja nsibu li l-ewwel wieħed li huwa kkonsagrat, li għandu dan it-titolu ta' ikkonsagrat huwa Kristu. L-ikkonsagrat per eċċelenza, huwa l-bniedem Alla, bħala bniedem ikkonsagrat kollu kemm hu lil Alla il-Missier tant illi qallu, "Ġejt fid-dinja kkonsagrat lilek biex nagħmel il-volonta' tiegħek."

It-tieni waħda kkonsagrata hija l-Madonna illi ġiet ikkonsagrata bi privileġġ speċjali sa mit-tnissil tagħha u għalhekk għandna d-domma tal-Kunċizzjoni Immakulata. Il-Madonna ngħidulha l-Kunċizzjoni Mmakulata għaliex sa mill-ewwel mument li ġiet imnissla fil-ġuf ta' ommha kienet ikkonsagrata kollha kemm hi lil Alla. Allura l-Madonna tal-Konsagrazzjoni, għaliex hija kkonsagrata sa mill-ewwel mument ta' l-eżistenza tagħha lil Alla, pero, huma kkonsagrati wkoll l-insara għaliex permezz tal-magħmudija, kull wieħed u waħda minna ġejna kkonsagrati lil Alla. Tant hu hekk li l-Konċilju Vatikan it-Tieni mar ifakkarna illi kull nisrani b'xi mod huwa saċerdot. Hemm is-saċerdozju tagħna li nissejjħu saċerdoti ministerjali imma hemm ukoll is-saċerdozju tal-fidili tagħkom għaliex fil-magħmudija aħna lkoll ġejna kkonsagrati lil Alla biex nagħtuh qima, biex inħobbuh, biex naqduh u allura l-konsagrazzjoni qegħda f'kull wieħed u kull waħda minna. Imbagħad naturalment is-saċerdoti ministerjali u dawk l-erwieħ illi jingħalqu fil-kunvent biex jagħtu ħajjithom lil Alla għandhom konsagrazzjoni oħra. Mal-konsagrazzjoni tal-magħmudija jżidu l-konsagrazzjoni tal-ħajja tagħhom lil Alla bħala saċerdot, bħala soru illi qed jagħtu ħajjithom kollha kemm hi lil Alla.

U allura ħuti, meta aħna nitolbu lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni, ejjew niftakru f'dan kollu. Ejjew niftakru fil-magħmudija tagħna biex ngħixu skond dik il-magħmudija, għax il-magħmudija ħuti m'hijiex xi ħaġa li irċivejnieha ħafna snin ilu u daqshekk, imma hija xi ħaġa li trid tibqa' taħdem ġewwa fina, hija sagrament li jibqa' jaħdem ġewwa fina. U għalhekk niftakru fil-konsagrazzjoni tal-magħmudija biex ngħixu skond dik il-konsagrazzjoni. Mhux ngħixu ħajja qisna aħna materjalisti, imma niftakru li aħna kkonsagrati lil Alla.

*U proprju llum li huwa l-jum tal-vokazzjonijiet, il-ġurnata li l-Knisja tiddedika għall-vokazzjonijiet tas-saċerdoti, ejjew nitolbu lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni b'mod speċjali għas-saċerdoti. Nitolbu għalina li diġa sirna saċerdoti u għas-saċerdoti kollha ta' Malta u Għawdex u tad-dinja biex ngħixu l-konsagrazzjoni tagħna u nkunu tassew ta' eżempju tajjeb lilkom u lil kulħadd.*

*Inkunu saċerdoti illi ngħixu l-konsagrazzjoni tagħna u nkunu verament iddedikati lil Alla kif aħna wegħednieh dakinhar li l-Isqof poġġa idejh fuq rasna u għamilna saċerdoti.*

U nitolbu wkoll lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni biex tagħtina iżjed vokazzjonijiet, biex ikun hawn iżjed erwieħ ikkonsagrati lil Alla u lilha bħala saċerdoti, bħala reliġjużi, bħala sorijiet. Huti, kemm għandna proprju f'din il-ġurnata nitolbu lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-vokazzjonijiet kollha speċjalment il-vokazzjonijiet tas-saċerdoti u jalla l-Madonna li tant għamlet magħna fl-imgħoddi u tant għadha tagħmel magħna issa, tibqa' tieqaf magħna mhux biss individwalment imma wkoll mal-familji tagħna u ma' Malta tagħna...

Ngħidulha lill-Madonna, "Inti li dejjem ħadt ħsiebna bħala nazzjon ibqa' ħu ħsiebna issa wkoll... biex aħna nagħmlu suċċess bil-għajnuna tiegħek, iżjed milli bil-għajnuna tagħna nfusna." Kif diġa għidt aħna ma niswew xejn imma bil-għajnuna tal-Madonna, bil-għajnuna ta' Ġesu', bil-għajnuna t'Alla aħna nistgħu nagħmlu kollox. Ikun imfaħħar Ġesu' Kristu."

Il-laqgħa spiċċat bit-talb lil San Ġużepp u lil San Mikiel u l-barka saċerdotali. F'din il-laqgħa pparteċipa is-St. Julians Choral Group li taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Gatt kanta diversi innijiet fosthom: Fil-Hlewwa ta' Mejju, Ave Maria, Jubilate Deo, La Vergine degli Angeli u l-verżjoni Maltija ta' *As I Kneel Before You*.

Kienet laqgħa sabiħa ħafna, attendew ħafna nies u żgur li mis-sema kien hemm ħafna li tefgħu il-barka tagħhom fuqna!

Nota ta' l-Editriċi: Wara li f'din il-ħarġa qrajna l-ħsibijiet li wassal Mons. Cachia dwar il-konsagrazzjoni, fil-ħarġa li jmiss naqraw x'kitbilna Bro. Victor Privitera dwar il-Konsagrazzjoni tal-Madonna.

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*



# GRAZZJI MAQLUGHA

**C. Deguara mir-Rabat kitbet hekk:** Nirringrazzja lil Alla, lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud li t-tifel tiegħi u martu kellhom *baby girl* u kemm l-omm u t-tarbija jinsabu tajbin. Kont nitlob ħafna lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud.

**L. Mifsud miż-Żejtun** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna qalgħet il-grazzja li qed tistenna tarbija wara żmien twil li kien ilha tipprova li tibda familja.

**C. Azzopardi minn Ħaż Żebbug** kitbet li binha kien ilu madwar tmien snin fil-vizzju tad-droga u qatt ma ried jagħmel il-programm. Telgħet il-Girgenti titlob lill-Madonna u xi tliet ġimgħat wara beda l-programm li issa wasal biex itemm. Hi tirringrazzja lil Alla u lill-Madonna għal din il-grazzja kbira li qalgħet.

**D. Vella mill-Qawra kitbet hekk:** Ħadna lin-nepputi ħdejn il-Madonna tal-Girgenti u ħsiltu bl-ilma tal-Madonna. In-nepputi ma kien jiekol xejn u t-tobba qalulna li nieqes ħafna mill-piż, imma mbierek Alla xi ġranet wara qalilna li għandu l-ġuħ u beda jiekol. Kellu saqajh isirulu vjola imma issa t-tifel jidher ħafna aħjar. Nirringrazzja ħafna lil Alla li bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud qlajt din il-grazzja.

**F. Agius minn Birzebbugia kitbet:** Jiena qlajt grazzja fuq it-tifla ta' ibni. Kienu qalulna li t-tifla għandha xi marda iżda meta ftit ġranet ilu marret l-isptar il-Professur qalilha li m'għandha xejn. Meta kienu l-isptar għall-viżta, jiena qbadt santa tal-Madonna u għamiltha ma' ritratt tat-tarbija. Wara ftit ċempluli li t-tifla ma' għandha xejn. Dak il-ħin għannaqt is-santa miegħi u wegħedt lill-Madonna li nxerred devozzjoni lejha.

**G. B. residenti f'San Vincenz qaltilna hekk:** Jiena kont nitlob lill-Madonna flimkien ma' Karmena peress li din kellha uġigħ kbir f'għajnejha u f'rasha u għajnejha kienu ħomor ħafna. Wara diversi noveni lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u lil Ġuża Mifsud, ngħid li Karmena qalbet ħafna għall-aħjar u fieqet. Ta' dan jiena u Karmena nirringrazzjaw lil Alla, lill-Madonna u lil Ġuża Mifsud. Jien kont wegħedt lill-Madonna li jekk Karmena tfieq, jiena nara li din il-grazzja tiġi pubblikata fil-fuljett "Leħen il-Girgenti".